**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/045 |
| **Ilment:** | Pubblikazzjoni ta' riklam imħallas minn fondi pubbliċi għall-iskop ta' pubbliċità personali da parti tal-Ministru Clyde Caruana |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 6 ta' Ottubru 2022 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 14 ta' April 2023 |

**L-Ilment**

1. Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lid-Direttur Ġenerali f'dan l-uffiċċju sabiex jilmenta dwar riklam imħallas minn fondi pubbliċi li, fil-fehma tiegħu, "*jikkostitwixxi propaganda sfaċċata personali għall-Ministru Clyde Caruana u jmur espressament kontra il-Guidelines ippubblikati mill-Kummissarju għall-Istandards f'Ġunju 2021*". L-Ilmentatur talab investigazzjoni fil-konfront tal-Ministru Caruana minħabba "*ksur ta' etika f'dan ir-rigward u l-isfida tiegħu diretta għall-prinċipji gwida maħruġa mill-Kummissarju Hyzler*".

2. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-Dokument A, filwaqt li r-riklam in kwistjoni huwa anness bħala d-Dokument B.

3. Fl-interess tal-kjarezza, billi dik il-ħabta l-kariga ta' Kummissarju għall-Istandards kienet vakanti, id-Direttur Ġenerali f'dan l-uffiċċju talab lill-Ilmentatur jikkonferma li huwa kien qiegħed jibgħat l-ilment tiegħu bil-għan li dan jiġi kkunsidrat la jinħatar Kummissarju ġdid. L-Ilmentatur ikkonferma li din kienet l-intenzjoni tiegħu. Din il-korrispondenza hija annessa bħala d-Dokument Ċ.

4. Dan l-ilment jittratta dwar aġġornament ("post") li deher fuq is-sit soċjali Facebook fil-5 ta' Ottubru 2022. L-aġġornament deher f'paġna fuq Facebook intolata "finanzi", li hija l-paġna uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol.

5. L-aġġornament ħa l-forma ta' ritratt tal-Onor. Clyde Caruana, Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, flimkien ma' ismu u l-kariga tiegħu, u l-kliem "*Filwaqt li l-Ewropa tefgħet il-piż tal-kontijiet tal-enerġija erba' darbiet ogħla fuq il-familji u n-negozji, dan il-Gvern se jonfoq €1.1 biljun biex dan f'pajjiżna ma jiġrix*." Virgoletti qabel dawn il-kliem jindikaw li ntqalu mill-Ministru Caruana.

6. Dan l-aġġornament kien "sponsored post". Dan ifisser li l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, bħala s-sid tal-paġna fejn ittella' l-aġġornament, ħallas sabiex l-aġġornament ikollu ċirkolazzjoni usa' min-normal fost dawk li jużaw Facebook.

**Il-Kuntest**

7. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar każ ta' riklam maħruġ minn ministeru tal-gvern li ġie ppubblikat f'diversi gazzetti.[1] Ir-riklam kien ta' paġna sħiħa iżda nofsu kien meħud minn ritratt tal-ministru konċernat. Fir-rapport tiegħu dwar dan il-każ, il-Kummissarju Hyzler ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.

8. Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Wara d-diskussjoni fil-Kumitat, il-membri tal-Kumitat ivvutaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala Chairman tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena. Fi stqarrija li huwa ppubblika biex jispjega għalfejn għażel li jastjeni, l-Ispeaker qal:

> *Is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi hija tikkondividi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u dan kif effettivament għamel referenza għalih ukoll il-Ministru Edward Zammit Lewis, illi għandu jkun hemm guidelines anke dwar kif jiġu magħmula l-adverts. Dan sabiex jiġu stabbiliti kriterji ċari li wieħed għandu jimxi fuqhom biex ikun aktar*

[1] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf

*konfortat illi b'dak li qed jagħmel ma jkunx b'xi mod qed jikser xi regolament tal-istess Kodiċi ta' Etika.* [2]

9. Fid-dawl ta' dan, fit-22 ta' Ġunju 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika abbozz ta' linji gwida intitolati *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Il-Kummissarju Hyzler ippubblika l-linji gwida bħala abbozz sabiex kull min kellu interess, inkluż il-partiti politiċi, il-gvern u l-pubbliku in ġenerali, seta' jissottometti l-veduti tiegħu dwarhom.

10. Fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju Hyzler ippubblika l-linji gwida bħala dokument definittiv.[3] Huwa bagħat kopja tagħhom lil kull deputat parlamentari fis 6 ta' Awwissu 2021 sabiex id-deputati jiġu aġġornati b'dawn l-iżviluppi u jirregolaw ruħhom fid-dawl tal-istess linji gwida. Fl-ittra li l-Kummissarju Hyzler bagħat lid-deputati (annessa u mmarkata Dokument D) flimkien mal-linji gwida, huwa qal:

*Il-linji gwida huma maħsuba biex jiżguraw li l-infieq ta' fondi pubbliċi fuq riklami u materjal promozzjonali jservi skop leġittimu fl-interess pubbliku, u ma jintefqux fondi pubbliċi fuq pubbliċità personali jew politika.*

*Dawn il-linji gwida ma jirrappreżentawx regoli ġodda fihom infushom. Huma jindikaw kif jiena bi ħsiebni ninterpreta r-regoli eżistenti fil-kodiċi ta' etika tal-ministri u l-kodiċi li japplika għall-persuni ta' fiduċja jekk ikolli każ li jinvolvi riklami jew materjal promozzjonali imħallsa minn fondi pubbliċi.*

11. Fl-1 ta' Ġunju 2022 il-Kummissarju Hyzler ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami mħallsa minn fondi pubbliċi.[4] Huwa rrefera dan ir-rapport ukoll lill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Ir-rapport għadu taħt konsiderazzjoni mill-Kumitat.

---

2 Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker dwar il-Każ K/028 fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://cdn-others.timesofmalta.com/1a8a4fc335646718fefdaa33b4c9e5441612096a.pdf.

3 Dawn il-linji gwida jistgħu jitniżżlu minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

4 Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

12. Deherli li l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

13. Deherli li dan il-każ għandu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

> *2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]
>
> *(c) boosted or sponsored posts on social media;* [...]
>
> *3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

14. Irreferejt l-ilment lill-Ministru Clyde Caruana permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2023. Fl-istess ittra rreferejtu għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021. Tlabtu jagħtini l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment, u tlabtu jgħidli wkoll:

(a) x'kien il-valur tar-riklam in kwistjoni, inkluż spejjeż għall-produzzjoni tiegħu u spejjeż għaċ-ċirkolazzjoni tiegħu fuq Facebook u midja soċjali oħra;

(b) jekk jikkonsidrax li r-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam kienx jirrispetta d-distinzjoni bejn l-irwol tiegħu bħala ministru u bħala politiku fil-kapaċità personali tiegħu; u

(d) jekk fil-fehma tiegħu ir-riklam kienx jaffettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

15. Il-Ministru Caruana wieġeb permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 2023 (Dokument E). Huwa qal li:

(a) Il-"post" ġiet tiswa €83.90 inkluż spejjeż ta' produzzjoni u ċirkolazzjoni, iżda eskluż il-VAT – "*spiża minima meta mqabbla mal-messaġġ informattiv u ta' interess pubbliku li l-post imsemmija riedet twassal*". Il-Ministru ipprovda mal-ittra tiegħu kopji tal-fatturi relatati mar-riklam bħala konferma ta' dan l-ammont.

(b) Il-"post" ġiet imtella' ftit jiem qabel il-budget tal-2023, waqt attività mal-imsieħba soċjali u entitajiet oħra bi preparazzjoni għall-istess budget. Il-Ministru għall-Finanzi għandu d-dmir li jinforma u jispjega fejn il-gvern qed jiffoka l-ħidma u l-infieq tiegħu, u l-kuntest li fih ikun qed jiġi ppreparat il-budget. Il-"post" kienet iffukata fuq dan.

(ċ) Il-"post" tikkwota minn diskors li għamel il-Ministru waqt it-tnedija tad-dokument ta' qabel il-budget. "*Huwa ovvju li l-Budget huwa dejjem marbut mal-Ministru għall-Finanzi li jaqrah u jippromwovih u għalhekk il-post kienet intiża biex tirrispekkja il-focus tal-Gvern fid-diskors eventwali tiegħi tal-Budget*."

(d) Il-"post" ma taffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, għaliex apparti mill-fatt li l-ispiża kienet minima, il-"post" tikkwota minn diskors magħmul mill-Ministru fil-kapaċità uffiċjali tiegħu.

16. Il-Ministru Caruana ċaħad li kiser xi dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. Huwa kkwota diversi dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021, fosthom il-paragrafu 1.10, li jgħid:

*It is acknowledged that the government has a wide discretion in the use of public funds to fulfil its duty to communicate with the public, in order to serve purposes such as the following:*

- *to provide information about matters of public interest;* [...]

17. Il-Ministru kkonkluda billi qal li l-għan tal-"post" kien li tipprovdi informazzjoni ta' interess pubbliku u twassal "*il-kuntest u l-ħidma li qed jagħmel il-Gvern bi tħejjija għall-Budget, fil-kapaċità tiegħi bħala Ministru għall-Finanzi*". Qal ukoll li l-"post" "*bl-ebda mod ma turi element ta' parzjalità, partiġġjanizmu, estravaganza, fatti mhux veritieri jew disrispett lejn terzi*".

## Konsiderazzjonijiet

18. L-ewwel domanda hi jekk "sponsored post" għandhiex titqies bħala riklam. Sponsored post tinvolvi ħlas sabiex aġġornament jilħaq udjenza li ma kinitx tarah fl-assenza tal-ħlas. Dan jammonta għal riklam skont kwalunkwe interpretazzjoni raġonevoli tal-kelma. B'riflessjoni ta' dan, it-tifsira tal-kelma "riklam" fil-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 speċifikament tinkludi "*boosted or sponsored posts on social media*".[5]

19. It-tieni domanda hija jekk ir-riklam in kwistjoni hux ġustifikat fl-interess pubbliku, ġaladarba tħallas minn fondi pubbliċi. Mhux se nidħol fil-merti tal-messaġġ fir-riklam iżda se nikkonċentra fuq l-inklużjoni tar-ritratt u l-isem tal-Ministru Caruana.

20. Fir-risposta tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Ministru Caruana jinsisti li kien ġustifikat li hu personalment jidher fir-riklam għaliex:

(a) bħala Ministru għall-Finanzi, għandu d-dmir li jispjega fejn il-gvern qed jiffoka l-ħidma u l-infiq tiegħu;

(b) ir-riklam jikkwota minn diskors li għamel hu fil-kapaċità uffiċjali tiegħu; u

(ċ) il-budget huwa marbut mal-Ministru għall-Finanzi.

21. Wieħed jista' jaċċetta l-ewwel punt, iżda dan ifisser biss li l-Ministru għandu jara li tinħareġ biżżejjed informazzjoni fl-interess pubbliku mill-ministeru tiegħu u l-entitajiet li jaqgħu taħtu. La jfisser li l-informazzjoni kollha

---

[5] *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material* (ara riferenza nru 3 fuq), paragrafu 2.3(c).

li tinħareġ għandha tieħu l-forma ta' riklam, u wisq inqas li l-Ministru għandu jidher f'kull riklam li jiġi ppubblikat. Barra minn riklami, il-ministri jistgħu jiddisseminaw l-informazzjoni permezz ta' mekkaniżmi uffiċjali bħal stqarrijiet għall-istampa u risposti għal mistoqsijiet parlamentari, u jistgħu ukoll jaraw li l-ġurnalisti jingħataw l-informazzjoni li jitolbu mingħand il-ministeri tagħhom.

22. Fir-rigward tat-tieni punt, kienet l-għażla tal-Ministru innifsu jew ta' min qabbad biex jagħmel ir-riklam li jikkwota minn diskors tal-Ministru. L-istess messaġġ seta' faċilment jitpoġġa fi kliem magħżula speċifikament għar-riklam. Il-Ministru ma jistax iġib l-argument li kellu obbligu li jidher fir-riklam minħabba deċiżjoni meħuda fid-diskrezzjoni tiegħu jew ta' persuni mqabbda minnu.

23. Fir-rigward tat-tielet punt, ir-rabta bejn il-budget u l-Ministru għall-Finanzi ma jfissirx li l-Ministru għandu jidher f'kull riklam li jinħareġ mill-gvern biex jiddissemina informazzjoni fl-interess pubbliku li tkun marbuta mal-budget. Infatti, wara li tħabbar il-budget ħarġu diversi riklami uffiċjali marbuta miegħu fejn ma deherx il-Ministru għall-Finanzi in persona.

24. Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku. Dan jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure f'dan il-każ ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi l-proċedura amministrattiva titlob li uffiċjali fis-servizz pubbliku japprovaw in-nefqa fuq ir-riklam in kwistjoni.

25. Hija għal din ir-raġuni li l-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021 jipprojbixxu l-użu tar-ritratti jew l-ismijiet ta' ministri f'riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.[6]

**Konklużjonijiet**

26. Għal dawn ir-raġunijiet jiena wasalt għall-konklużjoni li r-riklam li huwa s-suġġett tal-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

---

6 *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*, paragrafu 3.5.

27. Madankollu, inqis dan il-każ bħala wieħed mhux ta' natura gravi meta wieħed iqabbel il-valur tar-riklam f'dan il-każ maż-żewġ każi msemmija aktar kmieni f'dan ir-rapport li ġew ikkunsidrati mill-Kummissarju Hyzler. F'dan il-każ ir-riklam ġie jiswa total ta' €83.90 skont il-fatturi pprovduti mill-Ministru Clyde Caruana, mentri fil-każi kkunsidrati mill-Kummissarju Hyzler ir-riklami ġew jiswew €7,012.98 u €16,700 rispettivament.[7]

28. Għal din ir-raġuni, fit-12 ta' April 2023 jiena ktibt lill-Ministru Caruana (Dokument F) biex ninfurmah bil-konklużjonijiet tiegħi dwar dan il-każ u biex ngħidlu li fil-fehma tiegħi dan il-każ jista' faċilment jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-ksur ta' etika ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

29. Bħala rimedju għall-finijiet tal-artikolu 22(5), ipproponejt li l-Ministru Caruana jibgħat apoloġija qasira bil-miktub biex jirrikonoxxi li nkiser il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari peress li ntuża r-ritratt tiegħu u ismu fir-riklam, u jintrabat li dan il-ksur ma jiġix ripetut minnu fil-futur.

30. Il-Ministru Caruana wieġeb l-għada stess (Dokument G). Huwa tenna li l-"post" kellu l-għan li jipprovdi informazzjoni fl-interess pubbliku u bl-ebda mod ma wera element ta' parzjalità, partiġġjaniżmu, stravaganza, fatti mhux veritieri, jew disrispett lejn terzi. Madankollu, huwa qal li jaċċetta d-deċiżjoni meħuda minni dwar il-każ. Żied jgħid:

> *F'dan ir-rigward, qiegħed formalment nitlob skuża u nintrabat li dan il-fatt ma jiġix ripetut fil-futur. Barra minn hekk, bħala ġest ta' rieda tajba u minn jeddi, qiegħed illum stess nirrifondi lill-erarju pubbliku l-ispiża minima ta' tlieta u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€83.90) flimkien ma' ħmistax-il ewro u għaxar ċenteżmi (€15.10) fi spejjeż ta' VAT magħmula għal din il-post mill-fondi personali tiegħi, kif tixhed l-irċevuta hawn annessa mmarkata Dokument "A".*

31. Bis-saħħa ta' din l-apoloġija da parti tal-Ministru Clyde Caruana, kif ukoll ir-rifużjoni tal-ispejjeż tar-riklam li l-Ministru għamel minn jeddu, jiena qed

[7] Rapport dwar il-każ K/028 (17 ta' Marzu 2021), paragrafu 17; u rapport dwar il-każ K/041 (1 ta' Ġunju 2022), paragrafu 31. Dawn ir-rapporti huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/case-reports/.

nagħlaq il-każ ai termini tal-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

32. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentatur u lill-Ministru Caruana, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku tal-uffiċċju tiegħi.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 6 ta' Ottubru 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ir-riklam li huwa s-suġġett tal-ilment. |
| Dokument Ċ | Skambju ta' emails datati 6 ta' Ottubru 2022 bejn id-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi u l-Prof. Cassola. |
| Dokument D | Ittra mibgħuta mill-Kummissarju Hyzler lill-Ispeaker u lil kull deputat parlamentari fis 6 ta' Awwissu 2021. |
| Dokument E | Ittra datata 23 ta' Marzu 2023 mingħand il-Ministru Clyde Caruana. |
| Dokument F | Ittra datata 12 ta' April 2023 lill-Ministru Caruana. |
| Dokument G | Ittra datata 13 ta' April 2023 mingħand il-Ministru Caruana. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba Investigazzjoni fl-aġir tal-Ministru Clyde Caruana
**Date:** Thursday, 6 October 2022 11:30:56

---

Għażiż Direttur Polidano,

Nitolbok tgħaddi s-segwenti talba tiegħi għal investigazzjoni lill-Kummissarju tal-Istandards fantażma.

Għażiż Kummissarju tal--iStandards Fantażma,

Qiegħed niġbed għall-attenzjoni tiegħek dan ir-reklam (anness) tal-Ministru Clyde Caruana, mħallas mill-Ministeru, ergo mill-flus tat-taxpayer.

Dan ir-reklam imħallas minna jikkostitwixxi propaganda sfaċċata personali għall-Ministru Clyde Caruana u jmur espressament kontra il-*Guidelines* ppubblikati mill-Kummissarju għall-iStandards f'Ġunju 2021.

Nitolbok għalhekk tiftaħ investigazzjoni fil-konfront tal-Ministru Clyde Caruana minħabba ksur ta' etika f'dan ir-rigward u l-isfida tiegħu diretta ghall-prinċipji gwida maħruġa mill-Kummmissarju Hyzler.

Tislijiet,

Arnold Cassola

Tislijiet

DOKUMENT B


Filwaqt li l-Ewropa tefgħet
il-piż ta' kontijiet tal-enerġija
erba' darbiet ogħla fuq
il-familji u n-negozji,
dan il-Gvern se jonfoq
€1.1 biljun biex dan
f'pajjiżna ma jigrix.
Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Re: Talba Investigazzjoni fl-aġir tal-Ministru Clyde Caruana
**Date:** Thursday, 6 October 2022 17:05:28
**Attachments:** image001.png
image001.png

---

La ma hemm hadd issa, hekk hu.
Nikkonferma u nirringrazzjak.

Tislijiet,

Arnold cassola

On Thu, 6 Oct 2022, 16:14 Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life, <charles.polidano@standardscommissioner.mt> wrote:

> Prof Cassola
>
> Nifhem li qed tibgħat dan l-ilment bil-għan li jiġi kkunsidrat la jinħatar Kummisssarju għall-Istandards ġdid. Nitolbok tikkonferma.
>
> Nirringrazzjak,
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali
>
> ---
>
> **From:** Arnold Cassola <[redacted]>
> **Sent:** Thursday, 6 October 2022 11:31
> **To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
> **Subject:** Talba Investigazzjoni fl-aġir tal-Ministru Clyde Caruana

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

6 ta' Awwissu 2021

Lill-Onor Mr Speaker
U l-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati

Bl-email

Onorevoli,

**Linji gwida dwar riklami u materjal promozzjonali tal-gvern**

Flimkien ma' din l-ittra qiegħed nibgħatlek dokument li jiena ħriġt din il-ġimgħa, u li jikkonsisti f'linji gwida dwar l-użu ta' riklami u materjal promozzjonali mill-gvern u entitajiet pubbliċi. Il-linji gwida huma maħsuba biex jiżguraw li l-infieq ta' fondi pubbliċi fuq riklami u materjal promozzjonali jservi skop leġittimu fl-interess pubbliku, u ma jintefqux fondi pubbliċi fuq pubbliċità personali jew politika.

Dawn il-linji gwida ma jirrappreżentawx regoli ġodda fihom infushom. Huma jindikaw kif jiena bi ħsiebni ninterpreta r-regoli eżistenti fil-kodiċi ta' etika tal-ministri u l-kodiċi li japplika għall-persuni ta' fiduċja jekk ikolli każ li jinvolvi riklami jew materjal promozzjonali imħallsa minn fondi pubbliċi.

Il-linji gwida jkopru mhux biss riklami iżda anki, fost affarijiet oħra, artikli li jiġu ppubblikati bi ħlas (advertorials), fuljetti, kartolini, oġġetti li jitqassmu bħala rigali, u materjal awdjoviżiv li jixxandar fuq it-televiżjoni jew il-midja soċjali – dejjem jekk dawn jiġu mħallsa minn fondi pubbliċi. Fost affarijiet oħra, il-linji gwida jgħidu li:

- riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern jew ta' entità pubblika għandu jkun fattwalment korrett f'dak li jgħid u m'għandux jinkludi kontenut ta' natura partiġġjana;
- riklam tal-gvern jew ta' entità pubblika m'għandux jinkludi isem jew ritratt ta' ministru; dan jgħodd anki għal advertorial;
- fuljett jew dokument ieħor (basta mhux riklam jew advertorial) maħruġ mill-gvern jew entità pubblika jista' jinkludi kontenut li jirreferi għal ministru, sakemm jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet.
- ministru għandu jidderieġi fondi pubbliċi lejn il-midja għall-finijiet ta' riklamar skont kriterji oġġettivi u ġusti.

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

Il-bżonn ta' linji gwida dwar dan is-suġġett ġie identifikat mill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, huwa u jiddiskuti rapport li jiena għaddejtlu f'April li għadda dwar każ li kien jinvolvi riklam imħallas minn ministeru. Id-dokument anness jindirizza l-bżonn identifikat mill-Kumitat.

Il-linji gwida jikkonċernaw lill-ministri, segretarji parlamentari u persuni ta' fiduċja fl-uffiċċji tagħhom, iżda qiegħed inqassamhom lil kull deputat għal ex hija l-Kamra tad-Deputati li għandha żżomm lill-gvern kontabbli għal għemilu u għall-infieq ta' fondi pubbliċi. Nitlob li kull ministru u segretarju parlamentari li jirċievi l-linji gwida jqassamhom internament fil-ministeru tiegħu skont kif jidhirlu neċessarju sabiex kull uffiċjal inkarigat bl-ikkummissjonar jew il-produzzjoni ta' riklami u materjal promozzjonali jkun familjari mal-linji gwida.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

23 ta' Marzu 2023

Dr. Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl Street,
Valletta VLT 1210

Onor. Dr. Azzopardi,

**Każ K/045 imressaq minn Dr. Arnold Cassola fis-6/10/22**

Nirreferi għall-ittra tiegħek tas-16 ta' Marzu 2023 fuq ilment imressaq minn Dr. Arnold Cassola dwar riklam li deher fuq il-paġna uffiċċjali tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol fuq Facebook.

Il-veduti tiegħi dwar il-punti mqajjma fl-ilment huma s-segwenti:

a) Il-valur tal-post imsemmija huwa ta' tlieta u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€83.90ċ) eskluż il-VAT u dan jinkludi €35 fi spejjeż ta' produzzjoni u €48.90 fi spejjeż imħallsa għaċ-ċirkolazzjoni tiegħu. Anness għandek issib il-fatturi relattivi li jikkonfermaw dan. Din hija spiża minima meta mqabbla mal-messaġġ informattiv u ta' interess pubbliku li l-post imsemmija riedet twassal.

b) Il-post imsemmija ġiet imtella' ftit jiem qabel il-Budget 2023, f'waħda mill-attivitajiet mal-Imsieħba Soċjali u entitajiet diversi f'pajjiżna bi preparazzjoni għall-istess Budget. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet huwa dak li jiftaħ il-perjodu ta' konsultazzjoni mal-imsieħba kollha tal-Gvern u l-pubbliku in ġenerali. Min-naħa tiegħi, bħala Ministru għall-Finanzi, id-dmir tiegħi huwa dak li ninforma u nispjega fejn il-Gvern qed jiffoka l-ħidma tiegħu, fejn qed jiġu iffukati l-finanzi ta' pajjiżna u l-kuntest li bih ikun qed jiġi ppreparat il-Budget għas-sena ta' wara. Fil-fatt, l-iskop kollu tal-post imsemmija kien iffukat fuq hekk u l-għajnuna mogħtija mill-Gvern fl-isfera tal-enerġija fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi mondjali preżenti, kien punt kardinali tal-Budget imressaq minni.

c) Il-post imsemmija hija kwotazzjoni mid-diskors li għamilt bħala Ministru għall-Finanzi waqt it-tnedija tad-dokument ta' qabel il-Budget u kif għidt, kien punt kardinali tal-

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

d) Budget. Huwa ovvju li l-Budget huwa dejjem marbut mal-Ministru għall-Finanzi li jaqrah u jippromwovih u għalhekk il-post kienet intiża biex tirrispekkja il-*focus* tal-Gvern fid-diskors eventwali tiegħi tal-Budget.

e) Il-post imsemmija ma taffettwa bl-ebda mod l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, għax barra milli l-ispiża kienet minima, il-kwotazzjoni miġjuba fil-post hija kwotazzjoni mid-diskors li għamilt bħala Ministru għall-Finanzi waqt it-tnedija tad-dokument ta' qabel il-Budget.

Fil-fehma tiegħi jien irrispettajt bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri elenkati fl-ittra tiegħek, ċioe':

- Żammejt separati l-irwoli tiegħi bħala Ministru u bħala membru ta' partit politiku (4.9);
- Irrispettajt il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku (4.10 / 7.4) u m'abbużajt bl-ebda mod fl-influwenza tiegħi fuq is-servizz pubbliku (7.4); u
- Eżerċitajt l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll ħdimt b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tiegħi (5.3);

Barra minn hekk, il-Linji Gwida maħruġa mill-Kummissarju preċedenti huma biss gwida "*with a view to avoiding the inappropriate use of public funds in the production, publication or distribution of advertising and promotional material by or for the government* " (1.1), ħaġa li jien żgur m'għamiltx. Ukoll l-Linji Gwida "*do not set out new rules*" (1.3) u "*do not cover all situations that might possibly arise*" (1.5). Aktar "*It is acknowledged that the government has a wide discretion in the use of public funds to fulfil its duty to communicate with the public, in order to serve purposes such as the following: to provide information about matters of public interest ...*" (1.10).

In konklużjoni, l-għan ta' din il-post kien wieħed informattiv; li jipprovdi informazzjoni ta' interess pubbliku u li jwassal il-kuntest u l-ħidma li qed jagħmel il-Gvern bi tħejjija għall-Budget, fil-kapaċità tiegħi bħala Ministru għall-Finanzi u bl-ebda mod ma turi element ta' parzjalità, partiġġjaniżmu, estravaganza, fatti mhux veritieri jew disrispett lejn terzi.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha nemmen li l-ilment ta' Dr. Cassola mhux ġustifikat.

Dejjem tiegħek,

Onor. Clyde Caruana B Com (Hons) MA (Econ),
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

**Ikona Artworks Ltd.**
135 FLAT 2
TRIQ IL-BUFULA HAMRA, MOSTA
MST 4511 MT
T +356 21422993
VAT Registration No.: MT16879208

# INVOICE

**BILL TO**
MINISTRY FOR FINANCE
AND EMPLOYMENT
Maison de Mandols
South Street
VALLETTA

**SHIP TO**
MINISTRY FOR FINANCE
AND EMPLOYMENT
Maison de Mandols
South Street
VALLETTA

**INVOICE NO.** 3567
**DATE** 14/10/2022

**TERMS** Net 30

| DESCRIPTION | AMOUNT |
|---|---|
| PRE-BUDGET 2023 - FB POST DESIGN | |
| . | |
| Design, Artwork, Setting and Preparation of production output files for facebook post - Finance Minister Quote - Investment into the Economy | 35.00 |

Option to remit payment via wire transfer as follows:

Company: Ikona Artworks Ltd
Address: 135 Flat 2, Triq Il-Bufula Hamra,
Mosta, MST4511
Bank: Bank of Valletta Ltd.
Naxxar Road, Birkirkara, Malta
IBAN No: MT39VALL22013000000040013006815
Swift Code: VALLMTMT

| | |
|---|---|
| SUBTOTAL | 35.00 |
| TAX | 6.30 |
| TOTAL | 41.30 |
| BALANCE DUE | **EUR 41.30** |




All working files and underlying assets are property of Ikona Artworks Ltd. All rights reserved.

Boost post

**Boost post**

Ad preview

**finanzi**
Sponsored · Paid for by **Ministry for Finance an...** ·

About this ad




Helen Gauci and 1K others — 157 comments 12 shares

Like · Comment · Share

Insights

5892
Accounts Centre accounts reached

1239
Engagement

Overview

| | |
|---|---|
| Status | Completed |
| End date | Saturday 13:00 |
| Amount spent | €48.90 / €150.00 |

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

12 ta' April 2023

Onorevoli Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Bl-email fuq clyde.caruana@gov.mt

Ministru,

**Każ K/045: allegat abbuż ta' fondi pubbliċi għall-finijiet ta' pubbliċità personali**

Nirreferi għall-ittra tiegħi tas-16 ta' Marzu 2023 u r-risposta tiegħek tat-23 ta' Marzu.

Ikkunsidrajt bir-reqqa l-punti li qajjimt fir-risposta tiegħek, iżda jidhirli li:

(a) "Sponsored post" tinvolvi ħlas sabiex tilħaq udjenza li ma kinitx taraha fl-assenza tal-ħlas, u għalhekk tammonta għal riklam.

(b) Ir-riklam seta' faċilment iwassal l-istess messaġġ fis-sustanza mingħajr ma jidher fih ir-ritratt tiegħek u ismek.

(c) Jekk ministru jidher f'riklam maħsub biex jippubbliċizza miżura meħuda mill-gvern, dan jagħti x'jifhem li l-ministru qed jipprova jagħmel gwadann politiku jew personali billi jieħu l-kreditu għat-tali miżura f'għajnejn il-pubbliku.

Għalhekk wasalt għall-konklużjoni li dan il-każ jirrappreżenta abbuż ta' fondi pubbliċi, sija pure ta' ammont żgħir ħafna; nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' deputat; u nuqqas ta' rispett lejn l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, billi skont il-proċedura amministrattiva normali n-nefqa fuq ir-riklam kellha tiġi approvata minn uffiċjali fis-servizz pubbliku.

Madankollu, dan il-każ jista' faċilment jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-fehma tiegħi, ikun rimedju adegwat jekk inti tibgħatli apoloġija qasira bil-miktub fejn inti tirrikonoxxi li nkiser il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, anki jekk mhux intenzjonalment, peress li ntuża r-ritratt tiegħek u ismek fir-riklam, u tintrabat li dan il-ksur ma jiġix ripetut minnek fil-futur. Jekk taċċetta din il-proposta u tibgħatli apoloġija f'dan is-sens, jiena nikkwotaha fir-rapport tiegħi u nagħlaq il-każ.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 28 ta' April 2023**.

Insellimlek,

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT G

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

13 ta' April 2023

Dr. Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl Street,
Valletta VLT 1210

On. Dr. Azzopardi,

**Każ K/045 imressaq minn Dr. Arnold Cassola fis-6/10/22**

Nirreferi għall-ittri tiegħek tas-16 ta' Marzu 2023 u t-12 ta' April 2023 fuq ilment imressaq minn Dr. Arnold Cassola dwar reklam li deher fuq il-paġna uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol fuq Facebook, u r-risposta tiegħi datata 23 ta' Marzu 2023.

Filwaqt li nerġa' intenni li l-għan ta' din il-post kien wieħed informattiv, li jipprovdi informazzjoni ta' interess pubbliku u li jwassal il-kuntest u l-ħidma li qed jagħmel il-Gvern bi tħejjija għall-Budget, fil-kapaċità tiegħi bħala Ministru għall-Finanzi u bl-ebda mod ma turi element ta' parzjalità, partiġġjaniżmu, stravaganza, fatti mhux veritieri jew disrispett lejn terzi, naċċetta d-deċiżjoni meħuda minnek.

F'dan ir-rigward, qiegħed formalment nitlob skuża u nintrabat li dan il-fatt ma jiġix ripetut fil-futur. Barra minn hekk, bħala ġest ta' rieda tajba u minn jeddi, qiegħed illum stess nirrifondi lill-erarju pubbliku l-ispiża minima ta' tlieta u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€83.90) flimkien ma' ħmistax-il ewro u għaxar ċenteżmi (€15.10) fi spejjeż ta' VAT magħmula għal din il-post mill-fondi personali tiegħi, kif tixhed l-irċevuta hawn annessa mmarkata Dokument "A".

Dejjem tiegħek,

On. Clyde Caruana B Com (Hons) MA (Econ),
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

Maison Demandols, South Street, Valletta, Malta
M +356 2599 8259 E info@mfe.gov.mt

www.finance.gov.mt

DOK A

# Government of Malta

**Ministry for Finance and Employment**
**Ministry for Finance and Employment**
**Maison Demandols, South Street, Valletta, VLT 1102**
**Valletta**
**Malta**

**Date:** 13/04/2023

**Receipt No. :** 023LA001/231000374

**Received From:**
HON MINISTER CLYDE CARUANA - REFUND OF EXPENSES ICW FACEBOOK POST PUBLISHED ON MINISTRY'S PAGE ON 05 OCTOBER 2022

**VAT Registration No**

| **In Respect of:** | **€** |
|---|---|
| Miscellaneous Receipts | 99.00 |
| Total : | 99.00 |

**Payment Method :**

| | |
|---|---|
| CBM Deposits -Cheque<br>111<br>APS | 99.00 |

**Change :** 0.00

**Cashier :** ZERAT002

**Validity of this receipt is subject to bank clearance, when the payment is made by cheque.**